# Gorgion

## ĦARĠA SPEĊJALI



### ĠUNJU U L-PATRUN TAX-XEWKIJA

Kull sena meta jibda x-xah'r ta' Ġunju,
U joqrob ġmielu Jum l-erba' w għoxrin —
Ulied San Ġwann l-Għammied jaqbadhom seħer
Ta' mħabba mqanqla biss minn ferħ divin!

Hu Jum ta' Twelid kbir, li d-dinja kollha
Bih tibqa' tisfa' hienja tul is-snin;
U jħossu dan il-ferħ ibaqbad f' qalbhom,
Ikunu, minn ta' l-ewwel ix-Xewkin!

Min jifred jista' 'l Ġwanni w lix-Xewkin?!
Inkiteb "patt" li jżommhom magħqudin
Fl-imħabba ta' bejniethom; b'Ġesù f'nofshom
— It-Tnejn għal dejjem jibqgħu marbutin.

JALLA ĠMIEL IR-ROTUNDA TAX-XEWKIN
LIL MOĦĦNA JERFA' F'SEBĦ IL-QADDISIN!!!

L-Isla (31/5/74) ANTON HABER.

GHAQDA STUDENTI XEWKIN

# GORGION

RIVISTA TAX-XEWKIJA

maħruġa mill-

Għaqda Studenti Xewkin

Ħarġa Mejju/Ġunju 1975. Vol 3 No 3 (18)

**Bord Editorjali Gorgion**

Editur: Eddie Zammit.

Membri: Arċipriet Karm Mercieca; is-Sur Carmel Attard; is-Sur Joe Xuereb; is-Sur Frans Spiteri.

Indirizz Editorjali: 69A, Ħamsin Str., Xewkija.

Il-Fehmiet espressi mill-kittieba f'din il-ħarġa, m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali tar-rivista.

# Fehmitna

Wasal Ġunju u miegħu waslet il-festa tal-patrun ewlieni tagħna l-kbir prekursur u Għammiedi tal-Mulej; San Ġwann Battista.

Malli l-festa tibda riesqa, ir-raħal jieħu ħajja oħra. It-triqat sbieħ tagħna jiddandnu bil-libsa tal-festa u xejn inqas ir-Rotunda Majestuża tagħna, li bid-dawl tagħha, fil-lejl sajfi sabiħ, nistħajjil-ha l-fjamma ta' qalbna dejjem taħraq bl-imħabba lejn il-kbir San Ġwann l-Għammiedi.

Inkunu ilna sena sħiħa nistennew ħerqana l-miġja tal-festa u malli tibda toqrob, titfaċċa t-tbissima tal-festa, it-tbissima tal-ferħ, it-tbissima tal-Għaqda. Għax tassew, aħna l-Poplu Xewki, aħna Poplu magħqud, Poplu li nħobbu lil Alla tagħna, Poplu ta' Qalb kbira. U trid tkun ta' qalb kbira biex ittella tempju majestuż li biex inbena, ix-Xewkin offrew eluf u eluf ta' liri; ix-xhieda ħajja tal-imħabba ġenwina li għandhom għall-Kbir l-Għammiedi!

Ħarsa biss lejn il-wiċċ innoċenti tax-xbieha tassew ħelwa tal-għammiedi hija biżżejjed biex iġġagħlek tagħmel ħwejjeġ kbar. Hija dik l-istess xbiha tal-għammiedi li ħeġġet lix-Xewkin missirijietna biex jibdew jibnu t-tempju kolossali ad unur t'Alla. Kienet l-istess xbiha li lilna nkoraġġietna biex inkompluh. Però kien l-istess Għammiedi li mis-smewwiet, qatt ma nesa l-Poplu tiegħu, il-Poplu Xewki.

Xewkin, ningħaqdu iktar! Nuru li aħna Poplu ta' Qalb kbira tassew! Nifirħu flimkien għax din hi l-festa tagħna! U x'ħin l-għammiedi jitfaċċa fil-bieb kolossali tar-Rotunda tagħna ngħajtulu b' leħen wieħed

VIVA L-KBIR GĦAMMIEDI TAL-MULEJ; SAN ĠWANN BATTISTA.

## Cally's Garage

RENT - A - CAR

St. Elizabeth Street, Xewkija..

Tel. no. 76941.

## Shell Filling Station

FOR CAR ACCESSORIES

N.B. Mgarr Road, Xewkija.

## Victor Scerri

GROCERY

Racecourse Street, Xewkija.

## John Grima

THE BUTCHER

54, Church Street, Xewkija

## Cauchi's Bakery

at the End of Ħamsin Street,

Xewkija, Gozo.

## Attard Photo Studio

38, St. Bert Street,

Xewkija, Gozo.

## Key Food Store

42, Church Street, Xewkija.

GĦALL-AĦJAR KWALITA'

Tiffranka 8c minn kull £M1

Telephone No. 76599.

## Gozo Blocks
## Omnia Floors

PROP. JOSEPH ATTARD

Gruwa Road, Xewkija.

## Joseph Cauchi

THE BUTCHER

Opposite the MUSEUM

Ħamsin Street, Xewkija.

## Joseph Spiteri

WINE MERCHANT

St. Bert Street, Xewkija.

Tel. no: 76803.

## Emanuel Cauchi

THE BUTCHER

78, Main Street, Xewkija.

GĦAL XOGĦOL TAT-TORN

FUQ L-INJAM

## Laurence Attard

Racecourse Street, Xewkija.



# Kronaka tal-Parro ċa tax-Xewkija Lul 1974 / Ġunju 19

**1 ta' Lulju 1974:-** Party għall-emigranti Xewkin li kienu ġew ali-festa ta' San Ġwann. Intwerew il-films taż-żjara tal- ip-riet fl-Awstralja.

**7 ta' Lulju:-** Bosta koppji għarajjes mix-Xewkija attendew ors tal-Moviment ta' Kana.

**14 ta' Lulju:-** Il-Każin tal-Banda organizza ġita għal Malta u rra mit-Trade Fair, il-ġitanti żaru bosta postijiet storiċi f' lta.

**22 ta' Lulju:-** Fix-Xlendi Għawdex, beda 3 ijiem camping għ -is-tudenti Xewkin. Attendew 25 student u tmexxa mis- in-aristi tax-Xewkija.

**1 ta' Awissu:-** Fil-Knisja Rotunda ingħata bidu għall-istalla joni tal-elettriku. Il-pjanta tad-dawl u ta' li 'switch boar ew maħduma mid-ditta A.C. Camilleri — Consulting E eer — Malta. Ix-Xogħol inħadem minn Joseph Hili — X ija.

**23 ta' Awissu:-** Saret il-festa ta' San Bert fil-Kappella tal-M nna tal-Ħniena fix-Xewkija.

**24 ta' Awissu:-** Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq l- nin mill-ftuħ tal-post tal-Każin tal-Banda, inżammet w ta' l-artiġġjanat Xewki.

**28 ta' Awissu:-** L-ewwel Tqarbina tal-parroċċa.
Għat-3 darba konsekuttiva, fil-bitħa arjuża tal-Ka tal-Banda, inżamm il-festival 'Għanja Sajfija. Ir-rebbie kie-net Doris Refalo.

**29 ta' Awissu:-** JUM IL-QTUGĦ IR-RAS TAL-BATTISTA. Fil-Knis-ja Rotunda saret konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Leo Tigga, l-isqof ta' djoċesi fl-Indja. Il-paniġierku ntiseg mill-arċipriet tas-Siġġiewi Dun Alwiġ Deguara. Wara sar marċ mat-toroq ewlenin mill-Banda 'Prekursur'.

**15 ta' Settembru:-** Fil-parroċċa nżamm "Jum Kontra d-Dagħa" u saret kampanja permezz ta' posters kontra d-dagħa.

**18 ta' Settembru:-** Inżammet il-festa tal-Madonna tal-Ħniena. Sar pellegrinaġġ 'Aux Flambeaux' mill-parroċċa għall-Kappei-

la. Wara l-isqof Cauchi qaddes fil-beraħ. Saret ukoll il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna.

**29 ta' Settembru:-** Fil-Knisja saret ċerimonja tal-Katekisti f'jum il-Katekiżmu.

**4 - 9 ta' Novembru:-** Ġiet organizzata 'Il-Ġimgħa taż-Żgħażagħ'. Il-konkorrenza taż-żgħażagħ kienet madwar 400.

**24 ta' Novembru:-** FESTA TA' KRISTU RE. Saret konċelebrazzjoni bħala għeluq tal-kwaranturi solenni u wara saret purċissjoni mmexxija mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi.

**IL-MILIED 1974:-** Lejlet il-Milied bħas-snin l-oħra nżammet il-Purċissjoni tal-Bambin mat-toroq ewlenin tar-raħal. Din is-sena barra mill-Banda 'Prekursur' li akkompanjat tul il-purċissjoni, sar ukoll pageant ta' madwar 50 ruħ. Fil-funzjonijiet tal-Knisja akkompanja l-Kor 'Vox Clamantis'. Il-konkors għall-aħjar presepju mniedi mill-Bord Editorjali 'Gorgion' rebħu Raymond Rapa.

**RANDAN 1975:-** Fix-xhur ta' Frar u ta' Marzu, inżammu l-eżerċizzi tar-Randan għal kull kategorija ta' nies.

**21 ta' Marzu 1975:-** Għar-raba' sena konsekuttiva fix-Xewkija, inżammet il-purċissjoni grandjuża tad-Duluri. F'din il-purċissjoni - pageant ħadu sehem mal-400 attur.

**25 ta' April 1975:-** Fr. Saviour Pace, id-Direttur tal-Vokazzjonijiet t'Għawdex qaddes quddiesa fil-Knisja Rotunda bħala parti mill-kampanja għall-Vokazzjonijiet. Ħa sehem il-Kor tas-Seminaristi.

**1 ta' Mejju 1975:-** Il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xewkija kull sena tkun iċċelebrata bl-ikbar sollennità, għaliex hi l-festa tal-ħaddiema. Din is-sena, barra s-soltu quddiesa solenni, sar diskors tal-okkażjoni mill-President tal-Azz. Katt ta' Għawdex, il-Kav. Ġiljan Refalo Rapa. Wara sar it-tberik tal-għodda.

**5 ta' Mejju 1975:-** Fil-Museum il-ġdid tas-subien saret quddiesa fl-okkażjoni tal-egħluq l-ewwel sena minn mindu tpoġġiet l-ewwel ġebla. Attendew ħafna nies.

**17 ta' Mejju 1975:-** "The Roses" ħadu t-tielet premju fil-Festival Marjan.

**17 ta' Mejju 1975:-** Xewkija Tigers isiru Champions. Ġie organizzat CARCADE.

**1 ta' Ġunju 1975:-** Xewkija Tigers jirbħu lil Senglea Athletics 2-1. Saves brillanti mill-goalkeeper Francis Mizzi "a la Maier".

**FRANS AZZOPARDI.**

# XOGHOL GDID FIR-ROTUNDA

REV. FR. GEORGE MERCIECA



Kull sena, metti tasal il-festa, aħna s-soltu minn dawn il-paġni ngħarrfukom b' dawk l-opri li nkunu wettaqna matul is-sena fil-Knisja Rotunda tagħna.

Is-sena l-oħra, kif forsi għadkom tiftakru, konna żanzanna l-Bieb Kolossali maħdum minn S. Tabone u l-Mużew tal-iskultura fejn konna ġbarna r-rikkezza tal-iskultura li kellna fil-Knisja l-qadima.

**DIN IS-SENA**

Għal din is-sena wkoll ser inżanżnu xi opri, fosthom:

— il-'Prospettiva tal-Kor'
— l-artal-mejda tal-irħam.
— l-istallazzjoni tad-dawl.
— is-Sala l-ġdida ta' fuq is-Sagristija.
— Sett Globi għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.
— Is-Sett komplut tal-Bankijiet.

Bħal ma tafu diġà, il-Bini tal-prospettiva ingħata bidu ftit wara l-festa tal-patrun tagħna s-sena l-oħra u issa wasal fit-tmiem. Il-Bini tal-prospettiva issa ta dehra oħra tar-Rotunda x'ħin tixref għall-ewwel darba ġewwa. Bħal din il-prospettiva ser jittellgħu sitta oħra, fosthom il-Kappella tas-Sagrament, il-Kappella tal-Battisteru u l-erba' l-oħra konfessjonarji.

L-artal-mejda tal-irħam maħdum Pietra Santa l-Italja wkoll ser ikun magħna din is-sena.

ikompli paġna 21

# L-ATTIVITAJIET TAZ-ZGHAZAGH XEWKIN

## SUMMER CAMPING — Mariano Zammit

Attività tassew sabiħa li ssir fix-xhur tas-sajf hija l-'Camping' għall-ġuvintur. S'issa dan il-'Camping' dejjem għamilnieh fil-bajja sabiħa tax-Xlendi. Kull meta għamilna dan il-Kamp, nistgħu ngħidu li dejjem kien suċċess.

Is-sena li għaddiet għamilna wkoll għall-ewwel darba ġurnata 'camping' għall-istudenti bniet tal-Forms I & II.

**SKOP TAL-'CAMPING':**

1. **Nirrikrejaw ruħna.** L-ewwel ħaġa li għaliha nagħmlu l-'camping' hi, biex nieħdu gost flimkien. Dan il-'camping' jagħtina ċans li niltaqgħu ftit fil-vaganzi tas-sajf u nirrikrejaw ruħna ftit flimkien.

2. **Familja Waħda.** Barra mir-rikrejazzjoni, il-'camping' jagħtina ċans li ngħixu għal ftit taż-żmien bħal familja waħda. Għalhekk fil-'camping' wieħed jitgħallem jinsa ftit l-egoiżmu tiegħu u jaħseb aktar fl-oħrajn.

3. **Responsabiltà:** Dan hu ċans li l-ġuvni jinqata' daqsxejn mill-ambjent tal-familja tiegħu, għaliex f'dawn il-ġranet kulħadd irid jaħseb għalih innifsu.

4. **Xi ħaġa Spiritwali:** Barra t-talb li jsir matul il-ġurnata, issir ukoll quddiesa li fiha kulħadd ħa sehem attiv.

Is-sena li għaddiet, il-'camping' sar bejn it-22 u s-27 ta' Lulju. Ġew għalih mat-30 ġuvni.

Nittamaw li attivitajiet ta' din ix-xorta jħallu frott formattiv u spiritwali.

## ĠIMGĦA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ — Salvu Vella

**Skop:** Ta' kull sena fix-Xewkija qegħda tiġi organizzata ġimgħa għaż-żgħażagħ. Din il-ġimgħa ssir fix-xahar ta' Novembru.

L-iskop ta' din il-ġimgħa hu li:

i) Nibnu l-individwu   ii) Nibnu l-familja   iii) Nibnu l-parroċċa.

Illum aktar minn qabel jeħtieġ li wieħed ikun mibni tajjeb, biex ma jiġġarrafx u jitfarrak.

**Konferenzi:** Mela dan hu l-iskop ta' din il-ġimgħa ta' tagħlim, li ssir għaż-żgħażagħ minn diversi kelliema, li jkellmuhom fuq problemi tagħhom.

Għal dawn il-konferenzi, jiġu mistiedna mhux biss saċerdoti, iż-da anke sekulari, bħal tobba, teachers, eċċ., biex ikellmuhom fuq id-diffikultajiet taż-żgħażagħ tal-lum.

**Attivitajiet:** F'għeluq din il-ġimgħa jsiru attivitajiet miż-żgħażagħ stess. Is-sena li għaddiet żgħażagħ xebbiet ħarġu dawra lit-tfal tal-istituti. L-E.T. Mons. Nikol Cauchi temm il-ġimgħa b'diskors tiegħu.

---

## WEEKEND CAMPING HOLIDAY

**Joe Xuereb**

---

F'Jannar ta' din is-sena, l-Għ. S. X. flimkien ma' l-arċipriet or-ganizzaw Weekend Holiday għall-istudenti fid-dar "Stella Maris", fiż-Żebbuġ.

Il-25 student li konna tlaqna s-Sibt f'nofs in-nhar u wara li tqas-samna kulħadd fil-kmajra tiegħu, inżilna fil-kappella fejn id-direttur tad-dar għamlilna 'talk' interessanti. Wara qattajna sagħtejn fis-sa-la tal-logħob; kulħadd jaqsam il-ferħ tiegħu ma' l-oħrajn. Kellna xi tlett films tad-daħq, u mbagħad għedna r-rużarju bis-'slides'. Wara l-ikla ta' fil-għaxija ħriġna passiġġata twila bit-'torches' li wasslitna sax-Xwejni. Wasalna hemm fuq ċeduti u għall-ħabta ta' xil-ħdax, dħalna biex norqdu — u nħallukom taħsbu kemm irqadna.

Il-Ħadd fil-għodu bdejna b'quddiesa kommunitarja fejn kul-ħadd ħa sehem attiv u tqarben. Wara l-ikla ta' fil-għodu — li minn-ha ħadd ma seta' jixba', għaddejna siegħa oħra nilgħabu b'kompetiz-zjonijiet u bi premjijiet. Imbagħad ħriġna nilgħabu l-futbol. Iżda issa kulħadd kellu qalbu sewda, mhux għax iddejjaq, iżda għax il-ħin kien wasal biex ninfirdu minn xulxin u minn dak il-post li fih aħna ż-żgħażagħ iltqajna aktar ma' Kristu li jġeddidna f'ruħna.

---

## ĦARĠA KULTURALI F'MALTA

**Salvu Vella**

---

Kien il-Ħadd, 14 ta' Lulju, meta t-tfal kollha tal-parroċċa ġew meħudin Malta għal ħarġa kulturali. Fiha żorna bosta postijiet ta' interess kbir għat-tfal.

Fost il-postijiet ta' interess li żorna kienu: Rediffusion House; Għar Dalam; l-Armerija u l-Mużew; xi bajjiet sbieħ bħal Birżebbuġa.

Fil-għaxija t-tfal daħlu f'atmosfera differenti meta ħadnihom l-Imdina — il-belt antika, fejn setgħu jaraw veduta sabieħa ta' Malta kollha minn fuq is-swar. Minn hemm irritornajna lejn Għawdex.

---

## IL-PICCOLO CLERO TAL-PARROĊĊA

---

Fil-parroċċa tax-Xewkija, kura speċjali qed tingħata lit-tfal tal-Piccolo Clero. In-numru ta' dawn it-tfal preżentament huwa ta'

40. L-età tagħhom tvarja bejn 10 u 14-il sena. Din il-kura li semmejna, tiġi mogħtija lilhom prinċipalment fil-laqgħat ta' kull nhar ta' Sibt. Però, barra dawn il-laqgħat, matul is-sena, jsirulhom ukoll bosta attivitajiet reliġjużi u soċjali. Fost dawn ta' min isemmi:

— **Premjazzjoni tal-Milied**: Din il-premjazzjoni bdiet issir tlett snin ilu, u minn dak inhar baqgħet ġejja dejjem 'il quddiem. Din is-sena ġiet organizzata ferm tajjeb. Hija saret fil-knisja waqt quddiesa apposta ċċelebrata mill-Arċipriet, u għaliha attendew il-ġenituri tal-abbatini. Kienet tassew suċċess.

— **Harġiet**: Fil-vaganzi tal-Milied u tal-Għid, l-abbatini jieħdu gost ferm bil-ħarġiet li jsirulhom, f'postijiet ta' interess madwar Għawdex kollu. Dawn iservuhom mhux biss ta' rikreazzjoni iżda wkoll ta' interess kulturali.

— **Irtir**: Għat-tieni darba, din is-sena, sarilhom l-irtir f'post magħżul apposta. Din is-sena sar fid-Dar ta' Lourdes fl-Imġarr, u fih l-abbatini tassew ħadu gost.

— **Fis-sajf**: Bħat-tfal l-oħra, l-abbatini fis-Sajf ma jaħsbu f' xejn ħlief fil-baħar. Minn dan ma nħalluhomx neqsin. Għalhekk ta' spiss huma jiġu meħudin f'bajjiet differenti taħt il-kura tas-seminaristi ta' l-istess parroċċa.

**Nota**: Ta' min isemmi li wħud mill-abbatini tal-Parroċċa jieħdu sehem f'bosta attivitajiet oħra:

— Fil-Kant tal-parroċċa b'mod speċjali tal-Quddies;

— Fil-Priedka tal-Milied li saret mill-abbati Ġanni Vella.

— F'festivals li jsiru fil-parroċċa, u anke barra mill-parroċċa.

— F'servizzi li jsiru f'parroċċi oħra.

## L-ISKOLA PRIMARJA — Mr. J. Vella

Bħas-snin l-imgħoddija, l-iskola primarja tas-subien u bniet tax-Xewkija, illum bil-kap tagħha s-surmast is-sur J.J. Vella mix-Xewkija, għamlet bosta attivitajiet varjati matul is-sena skolastika li aħna fiha.

Dwar l-isports tal-futbol li sar din is-sena, is-subien ħadu sehem attiv ħafna waqt li l-bniet ta' l-istess skola għamlu l-parti tagħhom ukoll fil-logħob tan-'netball' li ntlagħab fil-League bejn l-iskejjel primarji t'Għawdex.

### CHRISTMAS CONCERT

F'Diċembru li għadda l-iskola tax-Xewkija tat "Christmas Concert" sabiħ, u wara s-surmast tal-Iskola tella' bix-xorti xi ħamsin premju bħala rigali tal-Milied lit-tfal tal-iskola. F'Jannar, imbagħad,

ikompli paġna 22

# IL-BINI TAL-MUSEUM IL-GDID

**"It-Tagħlim hu għajn ta' kull ġid" — Dun Ġorġ**



Waħda mill-akbar ġrajjiet li, bla dubju, tibqa' mnaqqxa b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija — MUSEUM — fix-Xewkija, hi dik tat-Tqegħid u t-Tberik tal-Ewwel Ġebla ta' Ċentru Ġdid, fejn it-tfal u ż-żgħażagħ Xewkin ikunu jistgħu jieħdu l-edukazzjoni u l-formazzjoni tagħhom, speċjalment dik Nisranija, f'ambjent adattat u attrezzat bil-mezzi kollha li l-pedagoġija tal-lum titlob.

Mit-tqegħid tal-ewwel ġebla fil-5 ta' Mejju 1974, minn Mons. Isqof Nikol Cauchi sal-lum, sar ħafna xogħol fosthom:

* il-bini kollu tal-klassijiet u tas-sala;

* tiesta l-brix kollu;

* intemm ukoll ix-xogħol tat-tikħil;

* saru l-osqfa kollha tal-concrete;

* tlestew it-twieqi kollha tal-klassijiet ta' ġewwa u xi [illegible]bien;

* qed jitqiegħed il-madum.

F'kelma waħda, ix-xogħol kważi tlesta kollu. Għad fadal biss il-BINI TAL-KAPPELLA tal-MUSEUM.

Il-proġett tal-MUSEUM IL-ĠDID wera żewġ kwalitajiet kbar:

(i) **L-IDEAL TAL-MEMBRI TAL-MUSEUM:**

Il-membri kollha, kbar u żgħar, meddew għonqhom għax-xogħol. Difatti, ħafna mix-xogħol sar u qed isir mill-istess membri. Ta' min isemmi:

* ix-xogħol tal-pedamenti li ħa sebgħa xhur;

ikompli paġna 15

# L-GĦAQDIET RELIĠJUŻI FIX-XEWKIJA

## AZZJONI KATTOLIKA



Kuljum l-Azzjoni Kattolika tagħmel laqgħa għall-Aspiranti bħala duttrina. Isiru laqgħat darba fil-ġimgħa għax-Xebbiet, għall-istudenti, għax-Xebbiet Adulti u għan-Nisa.

**Ħidma Missjunarja**

Fil-ġurnata missjunarja li ssir kull sena, issir ġabra speċjali mill-membri tal-Azzjoni Kattolika u jsiru askrizzjonijiet fis-Santa Infanzja, Kleru indiġenu, Propoganda tal-Fidi, Riskatti tat-trabi, tqassim tal-Malta Missjunarja, (darba fix-xahar). Isir ukoll it-tqassim tal-postini darba kull tlett xhur.

Fil-festa ta' San Ġwann jittieħdu xi morda l-knisja, jiġu invistati l-morda tax-Xewkija u ta' l-isptarijiet. Jiġi mqassam xi ħelu ukoll. Dan isir ukoll fil-Milied. Jiġu nvistati wkoll l-Istituti.

Meta jkun imisshom, il-membri jagħmlu tindif fil-Knisja, jipprepararaw 'Charts' għan-'Notice Board' u jagħmlu l-Ora Santa.

Darba fil-Ġimgħa ssir il-laqgħa tad-diriġenti.

## MUSEUM BNIET



Din l-Għaqda tieħu ħsieb it-tagħlim tad-duttrina tat-tfal. Tipprepara t-tfal għall-ewwel Tqarbina u l-Griżma. Kuljum ikun hemm siegħa tagħlim fiċ-ċentru għas-Soċi. Darba fix-xahar isiru rtiri għall-membri tas-soċjetà; qagħdat għall-barranin u s-Sajda Mużewmina. Dan il-qasam huwa t-tieni li nfetaħ f' Għawdex, u ilu miftuħ mill-1915.

## LEGION OF MARY



Din l-Għaqda tiġbor fiha membri minn kull sezzjoni tal-ħajja, kemm subien, kemm bniet, ħaddiema, miżżewġin, eċċ., kulħadd b'għan komuni, it-twettiq ta' xogħol leġjunarju, sustanzjali u attiv, bi spirtu ta' fidi u għaqda ma' Marija, b'mod li f'dawk li l-Leġjunarju jaħdem għalihom, u fil-membri sħabu huwa jilmaħ mill-ġdid il-persuna ta' Sidna Ġesù Kristu u lilu jaqdi bħal Marija Ommu!

Fix-Xewkija għall-grazzja t'Alla, din l-Għaqda ilha 'l fuq minn 20 sena li matulhom dejjem ħadmet biex ixxerred il-qima u r-riverenza lejn l-Omm tagħna tas-smewwiet. L-istess għaqda dejjem ħadmet l-ewwelnett għat-tqaddis tal-membri tagħha u t-tieni għall-oħrajn kollha.

**L-Acies fix-Xewkija**: Għat-tieni sena konsekuttiva, il-laqgħa ġenerali ta' kull sena u l-Wegħda Leġjunarja lejn Marija, tal-Legion ta' Għawdex, saret fir-Rotunda tax-Xewkija nhar id-19 ta' Marzu.

ikompli paġna 21

# It-Tlitt Qassisin Novelli

Din is-sena fix-Xewkija, barra mill-festi li qegħdin jiġu orga nizzati ad unur tal-Kbir Qaddis San Ġwann Battista, qegħdi isiru thejjijiet kbar biex tingħata merħba mill-akbar lit-tlett żgħa żagħ Xewkin li din is-sena ser jiġu ordnati saċerdoti għal dejjem



Huwa unur kbir għal raħal, bħal ma hu x-Xewkija li jkollh xi wħud mill-ulied tagħha li jagħżlu biex jaħdmu fil-qasam ta Mulej. M'huwiex unur biss, imma hija wkoll barka; barka li niżle fuqna mis-sema permezz tal-Qaddis Kbir Patrun tagħna li lej għandna l-ikbar qima; aħna poplu ta' dan ir-raħal.

Bir-raġun mela, ix-Xewkija kollha tingħaqad f'vuċi waħda biex tixtieq lil Dun Ġwann, lil Dun Marjan u lil Dun Salv:

**A D M U L T O S A N N O S**

ID-DATA TA' L-EWWEL QUDDIESA TAGĦHOM SER TKUN:

Ta' Rev. John Mizzi:— Is-Sibt 28 ta' Ġunju.

Ta' Rev. Mariano Zammit:— Is-Sibt 5 ta' Lulju.

Ta' Rev. Saviour Vella:— Is-Sibt 19 ta' Lulju.



# MERHBA LIL TLITT QASSISIN IL-GODDA XEWKIN

Il-poeta patrijott Xewki, Anton Haber, fl-immaġinazzjoni poetika u reliġjuża tiegħu, ixebbaħ lit-3 Saċerdoti ġodda, ma' 3 Qaddisin Kbar: Dun Salv ma' **Kristu**; Dun Marjan mal-**Madonna**; Dun Ġwann ma' **San Ġwann.**

Xewkija, minn qiegħ qalbek rodd lis-Sema
Kull ħajr, għal dawn it-Tliet maħbuba Wliedek
Li kabbru 'l ġieħek; għajjat li tinstema'
Minn Għawdex kollu, ta' kemm Alla bierkek!

Għaliex mal-medda twila ta' ġrajjietek,
Ma nafx jekk qatt ġietx fuqek sena kbira
W imsebbħa bħal di' d-darba li ħallietlek
Ta' Tliet Novelli Qassisin, tifkira!

U x'ismijiet għeżież di' l-ġrajja tgħanni —
Dun SALV u Dun MARJAN, Dun ĠWANN — xi ħlewwa!
Għal Kristu w il-Madonna w l-kbir Ġovanni —
Għat-tlieta l-Kbar; żgur jibqgħu mfakkra sewwa!

Is-Sliem u l-merħba ntuhom għalenija
Għax magħhom niżlet Barka ġox-Xewkija!

**ANTON HABER.**

## DUN SALV VELLA

Dun Salv bħal Kristu, b'Ismek kun ħellies
Tal-Ġnus mid-dnub, feddej ta' bosta nies!

## DUN MARJANO ZAMMIT

Marija bl-Isem tagħha Dun Marjan,
Flok Ommok tkunlek faraġ, kenn, serħan!

## DUN ĠWANN MIZZI

Dun Ġwann ithenna b'Ismek max-Xewkin,
U bħal Qaddisek għammed lin-nidmin!

**ANTON HABER.**

20/4/75.



# XEWKIJA TIGERS CHAMPIONS T'GHAWDEX 1974-75

"Is-Suċċess tat-team kien il-Konsistenza"

— J. Psaila

## KIF WASAL IS-SUĊĊESS

Meta wieħed janalizza lix-Xewkija Tigers fl-istaġun 1974-75, bla dubju jinġibed biex jagħmel enfasi dwar il-ħafna aspetti pożittivi li wera dan it-team u dwar is-suċċess li kiseb, u forsi wieħed jitfa' fid-dell id-diffikultajiet u l-problemi li kull grupp sportiv bilfors ikollu meta jitlaq f'Awissu determinat li sa Mejju jrid il-ħin kollu jkun mhux biss minn ta' quddiem, imma l-ewwel. **Is-suċċess tat-team kien il-konsistenza** enormi fil-logħob li biha t-Tigers waqqfu rekord ta' tmintax il-logħba konsekuttivi mingħajr telfa, u r-rebħ li qatt sar f' Għawdex.

## *** DETERMINAZZJONI

Id-determinazzjoni hija l-kwalità taċ-Champions, u t-Tigers kienu bla dubju xhieda ta' dan. Ir-Rieda li jirbħu kienet ċara f'ħafna logħbiet tagħhom, l-iżjed bl-attakki qawwija u aggressivi li fihom kienu jispikkaw mhux biss strikers u midfielders, imma defenders ukoll.

## *** PREPARAZZJONI

Punt ferm pożittiv kien ir-riċerka kontinwa għall-preparazzjoni serja u adekwata skond il-perijodi u ċirkustanzi diversi matul l-istaġun: preparazzjoni psikoloġika, atletika, teknika, tattika u sportiva. Klima psikoloġika armonjuża u familjari fost il-players bejniethom u bejn il-players u l-membri nkarigati mit-team mill-ewwel ġimgħat bassret suċċess. Naturalment bħal ma jiġri f'kull grupp ta' sportivi fejn f'personalitajiet diversi faċilment wieħed jiltaqa' ma' wħud eċċezzjonalment qawwija, il-kuntrasti f'opinjonijiet ma naqsux, imma fl-aħħar mill-aħħar, b'sagrifiċċju, kulħadd poġġa l-ġid tat-team qabel dak personali. Li t-Tigers kienu atletikament preparati kien jidher mill-kwalità ta' logħob li kienu jagħmlu fejn ippredominaw il-forza u r-reżistenza.

## *** TEKNIKA

Il-fatt li diversi players matul l-istaġun taw servizz siewi mhux biss fir-'role' tradizzjonali tagħ-

hom u wkoll f' 'roles' oħra huwa prova tal-kwalitajiet tekniċi tat-team. Dwar il-pjan tattiku wieħed jista' jgħid li t-team kien bażat fuq difiża soda, midfield fejn l-intelliġenza u x-xogħol jikkomplementaw lil xulxin, u attakk kuraġġjuż u avventuruż fejn spiss jipparteċipaw midfielders u defenders. Sportivament, imbagħad, ix-XEWKIJA TIGERS QATT MA IPPRUVAW JUMILJAW LILL-AVVERSARJU — ukoll meta dan kien ferm inferjuri għalihom!! — u meta kienu jafu li dan ser jiswielhom il-kritika li l-attakk tagħhom b'hekk ma kienx ser jispiċċa bl-ogħla numru ta' goals, fil-klassifika finali.

### *** ORGANIZZAZZJONI

U biex f'din l-analisi ma jiġrilniex bħal dak li mar jara t-teatru u ftakar u faħħar biss lill-artisti li kienu 'spotlighted' fuq il-palk u nesa lin-nies ta' wara l-kwinti, wieħed bilfors isemmi l-organizzazzjoni għaqlija tal-kumitat u xi supporters ferm viċin it-team li kienet wara s-suċċess tax-Xewkija Tigers, u s-sagrifiċċju ta' dawk ir-reserves (C. Le Prevost, Ben Vella, Ray Rapa, C. Portelli, P. Hili u J. Attard) li taw servizz ferm siewi lit-team billi stennew, stennew it-turn tagħhom u f'xi każi ma wasalx.

### *** KRIŻIJIET

Fis-suċċess fl-isport, però wieħed ikollu bżonn jiftakar fil-ġranet ta' telf biex iżommu f' ċertu limiti l-ferħ tal-Vittorja. Għalkemm f'dan l-istaġun, it-telf kien darbtejn biss f'erbgħa u għoxrin logħba kompetittiva, b'dana kollu ma jfissirx li l-Club tagħna ma għaddiex minn kriżijiet u żminijiet diffiċli.

Kien hemm żmien fl-aħħar xahrejn tal-kampjonat, meta beda jinħass nervożiżmu, naturalment biċċa wġiegħ ta' ras li jsofri kull team li jilmaħ it-tmiem tat-tiġrija wara li għal seba' xhur sħaħ ikun okkupa l-quċċata tal-klassifika, segwit minn żmien għall-ieħor minn avversarji diversi imma tenaċi.

### *** L-EMIGRAZZJONI

Din is-sena wkoll l-emigrazzjoni ma naqsitx li tagħti d-daqqa ta' ħarta tas-soltu. Biżżejjed ngħidu li minħabba s-safar għamilna użu minn erba' goalkeepers (C. Le Prevost, J. Pace, Joe Grima u Frans Mizzi). Tnaqqew din is-sena wkoll Frankie Azzopardi (bla dubju wieħed mill-aħjar mid-fielders fil-football Għawdxi u Carm Grech, atleta ta' siwi kbir għax kapaċi jimla b'mod xieraq sew ir-'role' ta' defender, kif ukoll dik ta' striker. Għalkemm il-bogħod, l-ex-players tax-Xewkija Tigers spiss jissemmew fid-dressing room tagħna.

Lil dawn sħabna emigranti, kif ukoll lil dawn il-players kollha li xi darba jew oħra libsu l-Kuluri tax - Xewkija Tigers kemm ilu jeżisti l-football fix-Xewkija, aħna niddedikaw dan ir-rebħ tal-League Championship 1974/1975.

**Mr. Joe Psaila**

(Kowċ tax-Xewkija Tigers F.C.)

# SACERDOTI MEJTIN U HAJJIN MILL-PARROCCA TAX-XEWKIJA

Mill-ARKIVJU ta' **FRANS ZAMMIT HABER**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | D. Grezz Farrugia (kappillan) | Valletta) | | 5 ta' Sett. 1683 |
| 2. | D. Domenico Abela (kappillan) | | | 22 ta' Lul. 1734 |
| 3. | D. Arkangelo Vassallo | | | 9 ta' April 1742 |
| 4. | D. Mikiel Caruana | | | 17 ta' Marzu 1758 |
| 5. | D. Antin Muscat | | | 11 ta' Mejju 1762 |
| 6. | D. Publio Vella | | | 22 ta' Frar 1767 |
| 7. | D. Piet Aquilina (kappillan) | | | 14 ta' Nov. 1774 |
| 8. | Ch.u Felice Curmi | | | 24 ta' Marzu 1775 |
| 9. | D. Ġużepp Zerafa | | | 3 ta' Ġunju 1779 |
| 10. | D. Mikiel Celestini | | | 8 ta' Frar 1787 |
| 11. | D. Mariano Attard | | | 5 ta' Awissu 1790 |
| 12. | D. Lucio Vella | | | 9 ta' Sett. 1793 |
| 13. | D. Ġużepp Spiteri | | | 25 ta' Nov. 1797 |
| 14. | D. Ignazio Camilleri | | | 4 ta' Mejju 1799 |
| 15. | D. Franġisk Mizzi (kappillan) | | | 17 ta' Mejju 1803 |
| 16. | D. Carlo Magro | | | 3 ta' Jannar 1805 |
| 17. | D. Battista Mizzi | | | 2 ta' Lulju 1808 |
| 18. | Ch.u Feliċ Zerafa | | | 4 ta' Ott. 1823 |
| 19. | D Ġużepp Zammit | | | 1 ta' Nov. 1840 |
| 20. | D. Mikiel Refalo | | | 28 ta' Marzu 18[illegible] |
| 21. | D. Nikola Vella (kappillan) | | | 20 ta' Ġunju 18[illegible] |
| 22. | D. Pawl Grech (kappillan) | | | 4 ta' Marzu 18[illegible] |
| 23. | D. Ġwann Sciberras | | | 7 ta' Marzu 18[illegible] |
| 24. | D. Franġisk Mercieca | | | 3 ta' Frar 18[illegible] |
| 25. | D. Ġużepp Zerafa | 2, St. Catherine Str., | | 24 ta' Mejju 187[illegible] |
| 26. | D. Pietru P. Ciantar (Arċipriet) | | | 28 ta' Frar 190[illegible] |
| 27. | D. Gio. Maria Theuma | 70, Main Str., | | 12 ta' April 191[illegible] |
| 28. | D. Mikiel Galea | 25, Ħamsin Str., | | 11 ta' Ott. 191[illegible] |
| 29. | D. Anton Aquilina (Arċipriet) | | | 14 ta' Sett. 1920 |
| 30. | D. Karm (Aurelio) Farrugia | 33, Main St., (ex-Ag.) | | 20 ta' Ott. 1924 |
| 31. | D. Liberato Refalo | 30, St. Zachary Str., | | 21 ta' Marzu 1927 |
| 32. | D. Ġużepp Mizzi | 46, St, Zachary Str., | | 21 ta' Marzu 1927 |
| 33. | D. Franġisk Mercieca | 27, St. Publius St., | 11-4-15 | 3 ta' Nov. 1935 |
| 34. | D. Carmelo Azzopardi | 4, St. Publius Str., | | 8 ta' Marzu 1935 |
| 35. | D. Ġużepp Galea | 29, St. Catherine Str., | | 9 ta' Mejju 1938 |
| 36. | D. Salvatore Theuma | 10, St. John Str., | | 12 ta' Marzu 1943 |
| 37. | D. Salvatore Ciantar | St. John the Baptist Sq., | | 21 ta' Aw. 1944 |
| 38. | D. Anton Grima (Arċipriet) | | | 20 ta' Jan. 1947 |
| 39. | D. Ġużepp Attard | Racecourse Str., | | 10 ta' Lulju 1950 |
| 40. | D. Pawl Ciantar | 74, Racecourse Str., | | 26 ta' Nov. 1954 |
| 41. | D. Franġisk Debono | 17, St. John Str., | 30-12-1894 | 7 ta' Frar 1956 |
| 42. | D Ġużepp Zerafa | 11, Brittania Str., | 3-10-1926 | 29 ta' Ott. 1969 |
| 43. | D. Antonio Xuereb | 11, St. Catherine St., | 25-3-1935 | 1 ta' Nov. 1970 |
| 44. | D. Karm. Azzopardi | 18 Brittania Str., | 2-10-1921 | 31 t'Aw. 1971 |

45. D. Ġużepp Grech (Arċipriet) 16-3-1935 18 t'Ott. 1971
46. D. Lucio Debono 17, St. John Str., 6-1-1921 (ĦAJ)
47. D. Ġwann Grech 12, St. Catherine Str., 20-5-1948 "
48. D. Ġwann Xuereb 43, Bridegroom Str., 16-4-1949 "
49. Mons. Carm. Bajada St. John the Baptist Sq. 26-4-1953 "
50. D. Gius. Camilleri 28, St. Zachary Str., 4-4-1960 "
51. D. Ġwann Attard 31, Brittania Str., 17-6-1962 "
52. D. Karm Mercieca (Arċ.) 27, St. Publius Str., -1967 "
53. D. Alfred Grima 60, Church Str., -1967 "
54. D. Ġorġ Mercieca 27, St. Publius Str., -1967 "
55. D. Ġwann Mizzi 60, St. Bert Str., -1975 "
56. D. Marjan Zammit 143, St. John Str., -1975 "
57. D. Salv Vella 22, St. Elias Str., -1975 "

## PATRIJIET MIX-XEWKIJA

1. Fr. Silvestru (Anton Borg) Kon. S. Ġwann De La Salle 22-11-1915
2. D. Giusepp Debrincat 12-7-1917
3. Fr. Salvatore (O.F.M. Capp.) 7-1-1932
4. Fr. Pier (O.F.M. Capp.) 8-10-1928
5. Fr. P. Alfons (Em.le Farrugia) O.E.S.A. 28-10-1961
6. Fr. Ġorġ (Wenzu Borg) 19-9-1968
7. Fr. Gabriel (Jos. Farrugia) 17-3-1974
8. Fr. Dijonisju Attard J.C.D., O. CARM ĦAJ
9. Fr. Seraphin Borg O.E.S.A. ĦAJ
10. Fr. Austin Azzopardi M.S.S.P. ĦAJ
11. Fr. Raphael Azzopardi O.E.S.A. ĦAJ

---

Jaqbad minn paġna 8

* l-għoti tal-bjut tal-concrete;
* il-brix tal-ġebla;
* il-kisi tal-art bil-concrete;
* livellar tal-ground;

B'kollox ġie stmat minn nies tas-sengħa, li l-membri ffrankaw madwar elfejn lira. Dan kollu juri, id-determinazzjoni u d-dedikazzjoni tal-membri li fix-Xewkija jkun hawn ĊENTRU MODERN tal-EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA.

### ii) IL-ĠENEROŻITA' TAL-BENEFATTURI XEWKIN

Binja ta' Ċentru hekk kbir trid l-eluf tal-liri. Però, il-ġenerożità tal-poplu Xewki hi kbira. Ħafna benefatturi Xewkin offrew u għadhom joffru għotjiet ta' flus u xogħol b'xejn ħalli jgħinu din l-opra qaddisa. Kieku ma kienx hekk, il-bini ma kienx jitla' żgur.

Iżda, hu fatt, ukoll, li flus intefqu iktar milli daħlu, u għandna d-dejn. Però, aħna fiduċjużi. Konna kapaċi nibnu Knisja MONUMENTALI bħal dik, forsi ser naqtgħu qalbna issa li wasalna fit-tmiem tal-Bini tal-Museum? Li għad fadal biss hu l-BINI TAL-KAPPELLA.

### APPELL

Nagħmlu għalhekk appell lill-qlub ġenerużi Xewkin biex kif għenu s'issa, ikomplu jgħinu 'l quddiem, ħalli ma ndumux ma naraw mitmuma l-ħolma tagħna lkoll, li fix-Xewkija jkollna MUSEUM ĠDID! Il-Fundatur tagħna Dun Ġorġ kien iħobb igħid: "It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid. Hieni dak il-bniedem li jgħin biex issir id-Duttrina. Tal-ftit li nagħtu lil Alla, Hu jpattilna bil-ħafna."

# Attivitajiet tal-Palk

## GĦANJA SAJFIJA 1974

Għat-3 sena konsekuttiva, l-Għaqda Żgħażagħ Xewkin organizzat il-festival tal-Kant "Għanja Sajfija", "open air" fil-Każin tal-Banda Prekursur.

Fil-festival ħadu sehem madwar 10 kantanti. Din is-sena l-festival ġie organizzat fl-okkażjoni tal-għeluq l-10 snin mill-ftuħ tal-Każin tal-Banda Prekursur. Jakkumpanjaw lill-kantanti fuq l-organ kien hemm Mro. Alfred Arnold, filwaqt li Mro. Joseph Farrugia mexxa l-orkestra.

Fl-ewwel post spiċċat Doris Refalo bil-kanzunetta "I don't know how to love him" filwaqt li fit-2 u fit-3 post spiċċaw Joe Zammit u Adelina Attard rispettivament.

Il-festival tmexxa b'abilità kbira mid-d.j. tar-Radio Malta Norman Hamilton. Prosit lill-organizzaturi.

## VARJETAJIET

Attività oħra li ħoloq il-Każin tal-Banda matul din is-sena kienet il-Varjetà tal-Milied u oħra fil-Għid.

F'dawn il-varjetajiet li qed isiru dejjem aktar popolari, barra t-talent lokali, ħadu sehem ukoll Marbeck Spiteri u Hector Bruno. Barra s-Songs oriġinali li kantat Marbeck, ta' interess speċjali kienu l-isketches komiċi ta' dawn l-istars żgħażagħ li taw serati ferm divertenti lill-pubbliku.

Tifħir speċjali jmur lil Reno Spiteri li ipproduċa dawn is-serati.

## ID-DRAMM "LAURA"

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa taż-Żgħażagħ Xewkin li nżammet fix-Xewkija bejn l-4 u d-9 ta' Novembru 1974, l-Għaqda Żgħażagħ Xewkin tellgħet id-dramm f'4 atti "LAURA", "Is-Serqa tat-Teżor ta' Ruma"!

L-istorja tad-dramm kienet tittratta dwar żewġ ħallelin Nestor u Flavio li serqu somma tad-deheb mit-Teżor ta' Ruma u biex ma jinqabdux waħħlu fl-Insara. Wara li żvijaw kemm-il darba lill-imperatur u lil sħabu tal-qorti, fl-aħħar jinqabdu u Laura u l-familja tagħha jiġu meħlusa minn akkużi infondati. Il-Koreografija ħadet ħsiebha Mrs. Anġie Magro. Ħadu sehem 27 attur.

Dan id-dramm ittella' wkoll f'Kerċem u fix-Xagħra Għawdex.

## IL-ĦAJJA TAL-BATTISTA

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann u l-Ordinazzjoni Saċerdotali fix-Xewkija, din is-sena ser jerġa' jittella' d-dramm kolossali dwar il-ħajja tal-Battista, patrun tax-Xewkija. Dan id-dramm li ser jittella' taħt id-direzzjoni tas-Sur Joe Borg, patrijott Xewki, ser jintwera fil-Ġimgħa tan-Novena ta' San. Ġwann.

## SEHEM IL-BANDA 'IL-PREKURSUR' FIL-FESTI LI JSIRU FIX-XEWKIJA

Matul is-sena, il-Banda tagħna "Il-Prekursur" tieħu sehem f'diversi Festi li jsiru fir-raħal tax-Xewkija, u speċjalment fil-Festi li jsiru fl-aħħar ta' Ġunju, ad unur tat-Twelid ta' San Ġwann Battista. Sa minn Diċembru jinħatru ċerti nies b'kollaborazzjoni mas-surmast Gius. Farrugia biex jintgħażlu sett ta' marċijiet li jkunu jistgħu jindaqqu għall-Festa ta' San Ġwann. Wara li dawn il-marċijiet issir kopja jibdew il-kunċerti; għall-ewwel darba fil-ġimgħa u qabel il-Festa ta San Ġwann jibda joqrob isiru tnejn jew tliet kunċerti. Għall-aħħar ta' Mejju jibda jsir ukoll il-Kunċert ta' l-Innu Grandjuż tal-Battista ta' Mro. Andrea Borg.

Fil-Festa tat-Twelid ta' San Ġwann, il-Filarmonika "Il-Prekursur" tieħu sehem fid-dimostrazzjoni li ssir il-Ġimgħa. Nhar is-Sibt isir marċ mill-Każin għall-Pjazza tax-Xewkija fejn wara jindaqq l-Innu Grandjuż bit-Tenur, Baritnu, Sopran u Kor ta' tfajliet Xewkin. Nhar San Ġwann wara nofs inhar, wara li jsir marċ u jindaqq l-Innu il-Banda takkompanja il-Purċissjoni b'marċijiet reliġjużi.

Barra minn din il-Festa Titulari, il-banda tieħu sehem fil-Festa tad-Duluri li ssir għall-ħabta ta' l-aħħar tar-Randan. Isir ukoll marċ mat-toroq ewlenin tar-raħal lejlet il-Festa ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann li ssir fid-29 ta' Awissu.

Il-Banda lejlet il-Milied toħroġ tferraħ ukoll lill-poplu Xewki billi flimkien mas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. jagħmlu purċissjoni bil-Bambin. Il-Banda ddoqq Carols u innijiet tal-Milied mat-toroq kollha tar-raħal.

Dawn l-attivitajiet isiru b'sagrifiċċji kbar sija mill-bandisti u mill-kumitat.

### INQAJMU SPIRTU NAZZJONALI

Hemm bżonn li fir-raħal tagħna tax-Xewkija nqajmu spirtu nazzjonali lejn il-Banda "Il-Prekursur" u napprezzaw iktar is-sagrifiċċji li qegħdin jagħmlu l-bandisti u l-kumitat. Hemm bżonn nibgħatu lit-tfal tagħna jitgħallmu l-mużika. Ma tridx tħallas flus biex titgħallem iddoqq. Fix-Xewkija barra s-surmast hemm nies oħrajn li pronti jagħtu daqqa t'id fit-tagħlim tal-mużika, li qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol b'sagrifiċċju personali u b'paċenzja kbira għall-edukazzjoni ta' wliedna.

Ħuti Xewkin, għinu lill-banda tagħna billi żżidu n-numru ta' bandisti u nerġa' ngħid ibgħatu lil uliedkom jitgħallmu l-banda. Nixtieq inżid, li meta jiġi xi ħadd minn tal-kumitat tal-Banda u jitlobkom xi ħaġa għall-Festa li ssir fir-raħal tagħna, kunu ġenerużi u toqogħdux lura ħalli l-Festi li jsiru jkunu ikbar, u b'hekk ngħollu iżjed il-ġieħ tar-raħal tagħna. Barra minn hekk, inkunu qegħdin ngħinu opra kbira "Il-Banda" li min jaf missirijietna x'sagrifiċċju għamlu biex waqqfuha.

Xewkin naħdmu id f'id u ningħaqdu għall-ġid u progress tal-Banda tagħna — Il-Banda "IL-PREKURSUR" — biex ġewwa x-Xewkija ikun hemm banda kbira magħmula mija fil-mija minn bandisti kollha Xewkin.

**WENZU CAMILLERI.**

# IL-KOR "VOX CLAMANTIS"

Kien ilu jinħass il-bżonn, għat-twaqqif ta' Kor Parrokkjali, biex jieħu sehem fil-funzjonijiet Reliġjużi li jsiru fil-Knisja Rotunda u anke f'attivitajiet soċjali, fir-raħal u barra.

Din ix-xewqa seħħet madwar erba' snin ilu, u nistgħu ngħidu li l-Kor 'Vox Clamantis' laħaq l-għan ewlieni li għalih twaqqaf. Minn dak inhar sal-lum il-Kor 'Vox Clamantis', taħt id-direzzjoni tal-qassis ħabrieki Dun Ġorġ Mercieca, ħa sehem f'diversi funzjonijiet, u bil-perfezzjoni tal-kant tiegħu wera l-ħila u l-kapaċità li jippossiedu t-tfajliet membri ta' dan il-Kor.



Bħalissa, il-Kor għandu madwar 55 membru, li matul is-sena il-taqgħu regolarment darbtejn fil-ġimgħa għall-provi tal-Kant. Il-Kor ma jieħux sehem biss fil-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, imma jieħu sehem f'okkażjonijiet oħra fuq il-palkijiet tas-swali tagħna.

Il-Kor jieħu sehem kull sena fil-Festival tal-Kant li jiġi organizzat mill-Kumitat tal-Banda 'Prekursur' f'Awissu. Is-sena l-oħra, l-Kor 'Vox Clamantis' kanta bċejjeċ mill-opri ċelebri ta' Ġ. Verdi fosthom il-"Va Pensiero" li għoġbot lil kull min kien preżenti! Fil-Milied li għadda, il-Kor ħa sehem f'diversi funzjonijiet. Fil-Knisja, il-Kor akkompanja fil-quddiesa ta' bil-lejl. Barra minn hekk, il-Kor ħa sehem fi programmi tal-Kant tal-għanjiet tal-Milied f'wieħed mit-teatri tal-Belt Vittorja.

F'Jannar, il-Kor ħa sehem fil-ftuħ tal-festi Ġubilari tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex fil-Knisja Bażilika Ta' Pinu. F'Marzu, imbagħad, ħa sehem fl-'Acies' ta' l-istess għadqa li sar għat-tieni sena fil-Knisja Rotunda tagħna. Barra minn dan, il-Kor ħa sehem fil-Festi ta' Santa Marija fil-belt Vittorja u fil-Bażilika tax-Xagħra fl-okkażjoni tat-twelid ta' Marija Bambina.

Din is-sena, il-Kor miexi ġmielu bil-preparamenti ta' Quddiesa Solenni bil-Malti fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann u l-Ordinazzjoni ta' tliet qassisin Xewkin.



# Gorgion

VOL. 3

**ABBONA fir-RIVISTA tax-XEWKIJA LLUM!**

# "GORGION" - IR-RIVISTA TAX-XEWKIJA

Ir-rivista Gorgion twieldet fi Frar tal-1973.

L-Għan tagħha, biex tgħallem u teduka lill-Poplu Xewki.

Jekk tixtieq il-ġid lilek innifsek u lil raħal twelidek
kompli aqra......

Jekk le, ieqaf, tkomplix ... aqleb il-folja.

La ser tkompli, int interessat. Ir-rivista Gorgion toħroġ dar-ba kull xahrejn u tiġi mqassma lil dawk li jkunu ħallsu dik ix-xi ħaġa żgħira għall-ispejjeż f'nofs is-sena. Ir-rivista titkellem dwar diversi suġġetti, fosthom sensieli bħal: "Mill-Arkivji tas-Sur Frans Zammit Haber", "Għawdex fl-Imgħoddi", Sensiela dwar l-elettriku, Paġni tat-Tfajliet, tat-team "Xewkija Tigers F.C.", ar-tiklu kull darba b'tema reliġjuża, aħbarijiet reċenti li jolqtu lir-raħal tagħna u artikli oħrajn.

**MINNEK JIDDEPENDI JEKK IR-RIVISTA TKOMPLIX TOĦROĠ:**

Jekk tixtieq li tkompli toħroġ abbona fiha billi tħallas għal sena 30c biss u tkun qed tgħinna biex inkomplu noħorġu r-Ri-vista tagħna.

Mela: ix-xahar id-dieħel, f'Lulju, għandhom jiġu l-istudenti biex jiktbu abbonati ġodda.

QIS: Li int tkun wieħed minnhom jekk int veru Xewki.

N.B. RIVISTA BĦAL M'HI TAGĦNA, JIEĦDU PJAĊIR JAQ-RAWHA L-EMIGRANTI. ABBONAHOM FL-UFFIĊĊJU TAGĦNA. AĦNA NIBGĦATUHIELHOM DIRETT FIL-PAJJIŻ TAGĦHOM. ĦLAS: Xi ħaġa extra tal-posta, biss!

---

## A V V I Ż

IL-BORD EDITORJALI GORGION JIXTIEQ LI

1. Jirringrazzja lid-ditti u lil dawk kollha li għenuna b'xi mod jew ieħor biex stajna noħorġu din il-ħarġa speċjali.
2. Iħeġġeġ lix-Xewkin kollha biex jiftakru fid-ditti hawn im-semmija, meta jiġu biex jixtru xi ħaġa.
3. Jirrikkmanda lill-qarrejja kollha biex din il-ħarġa meta jlestu minnha, jgħadduha lil ħaddieħor.
4. Jappella lix-Xewkin kollha biex joffru xi ħaġa żgħira biex inlaħħqu ma' l-ispejjeż.

**IL-BORD**

## XOGĦOL ĠDID FIR-ROTUNDA jaqbad minn paġna 4

L-istallazzjoni tad-dawl ġiet imqegħda mis-Sur Joseph Hili mix-Xewkija fuq id-disinni tad-Ditta Jemco Malta. Issa r-raħal tax-Xewkija jista' jiftaħar li għandu sistema elettrika mill-iżjed moderna fil-Knisja tagħna.

Din is-sena wkoll tlestiet is-sala spazjuża ta' fuq is-Sagristija u wkoll inbena l-garigor u tranġaw il-kmamar li ser iservu ta' 'stores' u tiela' fil-garigor spazjuż u arjuż. Din is-Sala ser isservi għal-laqgħat tal-Għaqdiet Reliġjużi u anki għal xi okkażjonijiet oħra.

Bil-Ko-operazzjoni tal-Bord tal-Elettriku, din is-sena wkoll ser jitqiegħdu sett globi għal fuq iz-zuntier tar-Rotunda tagħna. Dawn il-globi barra milli ser ikomplu jsebbħu l-faċċata maestuża tar-Rotunda ser ikomplu jdawlu l-faċċata tar-Rotunda bil-lejl.

Il-Bankijiet ukoll tlestew din is-sena. Kif għadkom tiftakru dawn il-Bankijiet kienu nġabru minn benefatturi diversi. Dawn il-bankijiet huma komdi ħafna u nħadmu hawn Għawdex stess.

F'din id-daqqa t'għajn li tajna fuq il-Knisja Rotunda rajna x-xogħol li sar matul din l-aħħar sena, xogħol li barra li sewa mijiet ta' flus, wera l-ġenerożità tal-Poplu Xewki li dejjem ħadem u stinka biex it-Tempju tal-Għammiedi jkun l-isbaħ, l-aqwa tempju li jixraq lill-ikbar qaddis.

**VIVA R-ROTUNDA U ĠWANNI L-GĦAMMIEDI**

---

Jaqbad minn paġna 9

## SORIJIET DUMNIKANI

Waħda mill-barkiet li għandha x-Xewkija huwa l-Kunvent tas-Sorijiet, li tant jagħtu sehem kbir fil-ħidma pastorali tal-parroċċa. Tlett xogħlijiet kbar li għamlu matul is-sena kienu:

1) **Il-Kindergarten**: is-sorijiet b'dedikazzjoni kbira qed jgħallmu lit-tfal żgħar b'metodi audio-visivi. Ħadna gost li s-Sorijiet qed imorru jagħmlu Kors l-Ingilterra u kellhom suċċessi fl-eżamijiet.

2) **Ħarġiet għat-Tfajliet**: Is-sorijiet jieħdu kura speċjali tal-Praesidia tal-Legion. Organizzaw ħarġiet għat-tfajliet kemm għal Marsalforn u kemm għal Malta u organizzawlhom konferenzi ta' formazzjoni.

3) **Adorazzjoni**: L-ikbar inizjattiva li qed jagħmlu huwa li jorganizzaw regolarment Ġranet ta' Adorazzjoni, u jiffurmaw gruppi ewkaristiċi.

**L-ATTIVITAJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ XEWKIN** jaqbad minn paġna 7

fl-iskola saret "Exhibition" kbira li fiha ntwerew xogħolijiet tassew sbieħ, maħdumin mill-istess tfal tax-Xewkija.

**QUIZ**

Fil-Quiz li sar fi Frar ta' din is-sena bejn l-iskejjel kollha ta' Għawdex, l-iskola tax-Xewkija ġiet final ma' l-iskola tan-Nadur Girls b'punti ndaqs. Kellu jkun decider biex joħroġ ir-rebbieħ finali. Fil-Quiz li sar xahrejn wara f'Malta, f'Rediffusion House, G'Manġa, l-iskola tax-Xewkija rebħet liil-iskola l-kbira ta' Raħal il-Ġdid bl-iscore ta' 28 punt kontra 27.

**ŻFIN**

F'Mejju ta' din is-sena, l-iskola tax-Xewkija ħadet sehem fi żfin bil-Kumpanija "The Countryman and His Mate", b'kostumi oriġinali u sbieħ u kuluriti. F'Ġunju ser tinżamm il-"World Children's Day" fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex u għal dan il-jum l-iskola primarja tax-Xewkija ser tagħti show varjat dwar it-tfal li jgħixu f'naħiet differenti tad-dinja. Fl-istess xahar ukoll is-subien u l-bniet tax-Xewkija ser jieħdu sehem fl-items kollha tal-isports illi jsir kull sena fis-Silver Jubilee Ground.

Dawn huma fil-qosor xi wħud mill-attivitajiet kbar li l-iskola primarja tas-subien u bniet tax-Xewkija wettqet u għadha twettaq f'din is-sena skolastika 1974-75.

## L-ISKOLA SEKONDARJA

Is-sena skolastika 1974/1975 kienet sena ta' ħidma u attività. Fost l-inizjattivi sbieħ li saru nistgħu nsemmu dawn li ġejjin:

**XMAS CONCERT**: Il-Xmas Concert ta' din is-sena laħaq livell għoli u kien tassew divertenti. Saru żewġ plays, waħda mill-Iskola tax-Xewkija u oħra mill-Iskola tax-Xagħra, tkantaw carols u kellna wkoll Beat Group li kompla ħoloq atmosfera ferrieħa. L-attrazzjoni prinċipali kienu JOHNNIE NAVARRO u ARMANDA URSO li ppreżentaw sketches mill-isbaħ u faqgħu lil kulħadd bid-daħk.

**ĦARĠIET**: Ta' valur edukattiv kienu l-ħarġiet li saru biex l-istudenti jieħdu "first-hand information" dwar fabbriki, postijiet ta' nteress eċċ. Ġew organizzati żewġ ħarġiet. F'waħda minnhom żorna l-M.M.U. u l-Fabbrika ta' l-Għamara ta' Francis Borg u fil-ħarġa l-oħra żorna St. Joseph Home, il-fabbrika ta' Velsons u l-Boat-House ta' Caruana.

**SPORTS**: Kuljum fil-'mid-day break', isir Football League u League tat-Table Tennis. L-Isports hu ta' siwi kbir għax jiżviluppa u jeduka l-personalità. Forsi l-akbar ġrajja sportiva tas-sena kienet il-logħba football bejn TEACHERS vs Students. Il-ħeġġa taż-żgħar għelbet l-esperjenza tal-kbar għax li Students rebħu 4-3.

**SERATI KULTURALI**: Din is-sena saret ukoll Serata Kulturali li fiha nqraw Proża u Poeżiji. Ġew ippreżentati plays bl-Ingliż u bil-Malti fosthom "Il-mewt ta' Diego Alagona".

MUSCATS GENERAL STORES LTD.

Gola




SPORTS GOODS DEPT.

TEL. 26242

KINGSWAY - VALLETTA

---

**GEORGE ASCIAK**

**SALES & SERVICE**

**GENERAL MOTOR REPAIRS**

MGARR ROAD, XEWKIJA.

Tel. No. 76779.

---

GĦAL KULL XORTA TA'

**LINEF - SALOTTI - GĦAMARA MODERNA**

u kull xorta ta' rigali għal kull okkażjoni

ASLU WASLA SA GĦAND

**TARCISIO MERCIECA**

24, RACECOURSE STREET, XAGĦRA, GOZO.

(QUDDIEM L-ISKOLA) Tel. 76400.





**WASALT BIEX TIŻŻEWWEĠ?**

**ĦSIBT GĦALL-KAROZZI TAT-TIEĠ**

MELA MUR GĦAND:

# JOHN'S GARAGE

**25, TRIQ ID-DUKA TA' YORK u**

**23, TRIQ VILLAMBROSA, ĦAMRUN.**

**Tel. no. 28745.**

JOHN'S GARAGE li dan l-aħħar ipprovda t-trasport għall-mawra ta' Pele f'Malta.

---

**A MARS A DAY HELPS YOU WORK REST AND PLAY**

# T. V. LOEWE OPTA

L-UNIKU SETT LI REBAĦ IS-SUQ

**Aġent Waħdieni:**

## KONTI CONSIGLIO D'AMATO

WESTERN RADIO SERVICE

701, High Street, Ħamrun.

**Telephone No. 28356.**

---

## FRANCIS CARUANA

72/73, Racecourse Street, Victoria, Gozo.

**Telephone 76248.**

Manufacturing of

**CEMENT & MOSAIC TILES**

**& ALL BUILDING MATERIALS.**

Large Deposit of

**PAINTS, WATERPAINTS, GLASS, ecc.**

L-ISTALLAZZJONI TAD-DAWL

TAL-KNISJA ROTUNDA

TAX-XEWKIJA

ĠIET MAĦDUMA

MID-DITTA JOE HILI (Xewkija)

fuq ditta u taħt is-superviżjoni

tal-Enġinier Albert G. Camilleri

u l-apparat ġie fornut mid-ditta

**GEMCO LTD.**

**(General Electrical & Mechanical Co. Ltd.)**

123, Brittania Street,

Valletta, Malta.

**Tel. no. 24264.**



**IL-BANDA "PREKURSUR" TAX-XEWKIJA**

Tagħrif dwar l-istorja tagħha jinsab paġna 17


## TRID TGĦAMMAR ID-DAR

## BL-AĦJAR U L-IRĦAS GĦAMARA?

Mur għand:

**ROSARIO ROCCO**

27 & 64, QORMI ROAD, MARSA.

**Tel. 22845.**


"Orphans' Press", Gozo.

# XEWKIJA TIGERS CHAMPIONS



(Bil-Kortesija ta' "l-Orizzont")

Din is-sena nkitbet paġna ġdida fl-istorja tal-Football Club tar-raħal tagħna, ix-Xewkija Tigers.

F'dan l-itwal league li qatt sar fil-gżira tagħna, ix-Xewkija Tigers irnexxielhom mhux biss li jirbħu l-Kampjonat, imma joħorġu b'telfa waħda biss, wara li rnexxielhom iwaqqfu rekord ta' 18 il-logħba konsekuttiva mingħajr telfa.

Is-suċċess tat-Tijm tax-Xewkija din is-sena kien kollu dovut għall-ħidma tal-Kowċ, tal-Kumitat u iżjed u iżjed tal-players stess li ħadmu mingħajr serħan għar-Rebħ ta' l-ewwel kampjonat.

Aħna minn din il-Paġna nixtiequ nifirħu l-ewwelnett lill-Kumitat ħabrieki, it-tieni lill-Kowċ, is-Sur Joe Psaila, u lit-Tijm u lis-supporters tax-Xewkija Tigers F.C.

WELL DONE XEWKIJA TIGERS.

Ritratt: Bil-wieqfa: Mix-xellug għal-lemin: P. Vella; J. Busuttil; R. Rapa; F. Mizzi; M. Apap; S. Cilia; M. Grech; J. Grech; Joe Psaila, (Kowċ).

Kokka: C. Le Provost; J. Debrincat Attard; B. Vella; C. Portelli; P. Hili; P. Mercieca; W. Scerri; J. Spiteri.